MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 418/2004/1

**Nicole Mairangas**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
"Premess illi l-attrici kellha kont bankarju mal-bank konvenut;

"Premess illi ufficjali tal-bank konvenut zvelaw il-kontenut tal-kont lil terzi, senjatament lill-missier ir-ragel ta' l-attrici, li minn mieghu qed tissepara;

"Premess illi dan l-agir gie ammess minn ufficjali tal-bank konvenut mal-attrici, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

"Premess illi rizultat ta' dan l-agir li jikser il-provvedimenti tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Kummerc Bankarju, tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-Segretezza Professjonali, oltre l-Art 257 tal-Kodici Kriminali, l-attrici sofriet danni;

"Premess illi minkejja illi interpellati (Dok A), il-konvenuti baqghu inadempjenti;

"Jghidu ghaliex il-konvenuti din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tal-ksur tad-drittijiet tal-attrici protetti bil-provvedimenti tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Kummerc Bankarju 377 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-Segretezza Professjonali, oltre l-Art. 257 tal-Kodici Kriminali, b'rizultat ta' liema l-attrici sofriet danni;

"2. Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

"3. Tikkundannhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. In-nullita` tac-citazzjoni ghaliex m'hix konformi mad-dispost ta' l-inciz 4(1) tat-Tariffa A annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), bi pregudizzju serju ghas-socjeta` konvenuta.

"2. Salv u impregudikat il-premess, din l-azzjoni tispetta lill-beneficjarju ta' kont bankarju u ghalhekk l-attrici trid

qabel xejn tindika ghal-liema kont qed tirriferixxi u li hija l-beneficarja (*ultimate beneficiary*) ta' l-istess kont.

"3. Peress li l-attrici qed issemmi problemi familjari u tipprotesta ghaliex allegatament inghatat informazzjoni lill-missier ir-ragel taghha, jista` jkun li l-attrici qed tirreferi ghal xi kontijiet ta’ xi tfal taghha, u allura din il-kawza kellha ssir miz-zewg genituri a tenur tal-Artikolu 136 et seq tal-Kodici Civili.

"4. Huwa assolutament negat li xi funzjonarju tas-socjeta` konvenuta ta xi informazzjoni riservata dwar xi kont bankarju personali ta' l-attrici, imma biss konferma ta' l-ezistenza ta’ kont lil min gja` kien jaf sa l-bilanc approssimattiv f’dawn il-kontijiet.

"5. Eventwalment l-attrici trid tipprova li soffriet xi danni rizultanti mill-agir ammess tal-bank u li dawn id-danni huma reali u mhux morali u li gew sofferti mill-attrici.

"Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti, jekk u meta jkun il-kaz."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005, li in forza taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-bank konvenut, bl-ispejjez kontra l-istess bank;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel u tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

**"L-ewwel eccezzjoni**

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija dwar in-nullita` tac-citazzjoni stante li mhiex konformi mad-dispost ta’ l-inciz 4(1) Tariffa A annessa mal-Kap. 12 bi pregudizzju serju ghas-socjeta` konvenuta.

"L-imsemmi inciz 4(1) tat Tariffa A jipprovvdi li *“Where the value of a claim is uncertain or indeterminate and the fees*

*in para 3 cannot be applied, the value of the claim shall be assessed in accordance with the following rules:”*

"Il-konvenuti qed jissottomettu li l-imsemmi inciz jobbliga lil min igib ‘l quddiem b’kawza xi pretenzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ responsabilita` fejn din tista' tigi segwita b’liwkidazzjoni ta’ ammont, li jipprezenta mat-talba tieghu dikjarazzjoni guramentata li fiha jghid kemm approssimativament tista’ tilhaq din is-somma. Din id-dikjarazzjoni hija rikjesta ghall-fini ta’ intaxxar tad-dritt spettanti lir-Registru, pero` f’kazijiet bhal dak prezenti sservi ta’ gwida partikolarment vantagguza ghal konvenut biex jipprepara d-difiza tieghu. Fil-kaz prezenti s-socjeta’ konvenuta ma tistax taghmel difiza li tinkorpora kull aspett ghaliex jista jigi hemm li hija b’xi mod tikser is-sigriet bankarju li jorbotha. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk ghandha interess tara li jkun hemm tali dikjarazzjoni guramentata da parti ta’ l-attrici biex ikollha indikazzjoni ta’ fejn trid tasal l-attrici u taghraf tirreagixxi. In-nuqqas ta’ tali dikjarazzjoni huwa ta’ pregudizzju serju ghad-difiza, u jirrendi c-citazzjoni nulla fit-termini tal-Artikolu 789 (c) (d) tal-Kap. 12.

"L-Artikolu 789(c) jipprovvdi li l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ atti gudizzjarji tista’ tinghata

"(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta’ nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita` **pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-atti jigi annullat.**

"(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi;

"Izda dina l-eccezzjoni ta’ nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta’ dan is-subartikolu ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni **jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.**

"Jigi rilevat li l-inciz 4(1) tat-Tariffa A ma jghidx li d-dikjarazzjoni guramentata hija *sine qua non* jew li tirrendi l-att tac-citazzjoni nulla.

"Fil-kaz in ezami dan l-allegat nuqqas ma' jgibx pregudizzju lill-konvenuti li ma jistax jissewwa xorta ohra hlief billi l-att jigi annullat. Id-dikjarazzjoni guramentata hi necessarja ai fini tal-eventwali intaxxar tal-kawza u ma jimpgi xejn fuq il-mertu cjoe` ir-responsabilita` tal-konvenuti.

"Inoltre l-artikolu 173 tal-Kap. 12 jawtorizza lill-Qorti li, f'kaz bhala dana jekk tali dikjarazzjoni kienet verament necessarja, tassigura li jkun hemm tharis ghal kollox ma dak kollu li ghandu x'jaqsam ma procedura, jew sabiex tikseb taghrif aktar dettaljat, li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa, biex l-atti jigu regolarizzati jekk ikun il-kaz u mhux li tiddikjarahom nulli.

"Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

**"Tieni eccezzjoni**

"Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li din l-azzjoni tispetta lill-beneficjarju ta' kont bankarju u ghalhekk l-attrici trid qabel xejn tindika ghal-liema kont qed tirriferixxi u li hija l-beneficarja (*ultimate beneficiary*) ta' l-istess kont.

"Effettivament fil-seduta tal-24 ta' Novembru 2004 l-attrici infurmat lill-Qorti li l-kontijiet li taghhom gie zvelat il-bilanc huma f'isimha u li bejnha u bejn zewgha hemm ghaddejja separazzjoni ta' l-assi.

"Illi dina d-dikjarazzjoni bl-ebda mod ma giet kontestata, ghalhekk lanqas dina l-eccezzjoni ma tista tigi milqugha."

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2006, li in forza ddecidiet il-kawza fis-sens:
"Billi tilqa' l-ewwel talba attrici

"U tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tal-ksur tad-drittijiet ta' l-attrici protetti bil-provedimenti tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Kummerc Bankarju;

"U tichad it-tieni u tielet talbiet billi dawn ma gewx pruvati.

"Bl-ispejjez kwantu ghall-kwart ghall-attrici u tlett kwarti ghas-socjeta` konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-attrici qed titlob danni minghand il-konvenuti kienu zvelaw il-kontenut tal-kont taghha lil terzi senjatament lill-missier ir-ragel taghha li minnu qed tissepara.

"Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma ma tawx informazzjoni lil terzi imma biss ikkonfermaw l-ezistenza ta' kont bankarju ta' l-attrici ghan-nom ta' uliedha lill-persuna li diga` kien jaf bl-ezistenza tal-kont.

**"PROVI**

**"L-attrici** xehdet li hi qed tissepara mir-ragel taghha u darba kienet qed targumenta mieghu d-dar dwar il-flus li kellu jaghtiha u qaltlu li ma kellhiex flus. Hu qalilha li hi kellha flus u li kien jaf li hi gibdet xi flus mill-kont ta' wiehed mit-tfal. Hi staqsietu kif kien jaf, ghax dan kien veru. Ir-ragel kompla jghidilha illi ommha kienet qed izzommilha xi flus ghaliex ommha kellha kont b'hafna flus fih. Hi ma kienitx taf illi ommha kellha kont simili. Meta staqsiet lil ommha jekk kienx veru li kellha dan l-kont u qaltilha li kien veru ommha staqsietha kif kienet taf b'dan u hi qaltilha li r-ragel taghha kien qalilha hekk. L-ghada marret l-HSBC fejn kellha l-kontijiet u kelmet lil Angela Naudi li qaltilha li kienet ser ticcekkja l-kaz. Wara din qaltilha illi mhux ir-ragel taghha kien staqsa dwar il-kont taghha izda missieru. Angela Naudi qaltilha illi missier ir-ragel kien staqsa lill-kaxxiera xi dettalji dwar il-kont taghha u dawk tat-tfal taghha u li din hasset illi kellha tghidlu ghax kien klijent regolari u ghax kienet taht pressjoni. Hu kien interessat fil-bilanc u mhux fin-numru tal-kont.

"**Angela Naudi,** Customer Services Manager mal HSBC xehdet li kienet kellmet lill-kaxxiera Karen Degiorgio u dina qaltilha li Pantelis Mairangas kien taha x'tifhem illi ried ipoggi xi flus fil-kontijiet tan-neputijiet tieghu. Hi qalet li ma tatx bilanci u kkonfermat biss illi l-kontijiet kienu ghadhom miftuha mal-bank. Qalet wkoll illi l-isem ta' Mrs Hardy ma ssemmhiex u li ma kienitx taf bih. Il-kaxxiera ma semmithiliex li Mairangas kien ghamlilha *pressure*.

"Fl-*istatement* li ghamlet mal-Pulizija, Naudi kkonfermat dak li hija xehdet quddiem dina l-Qorti (ara fol 28 fil-kawza 417/04)

"**Karen Degiorgio** xehdet li tahdem bhala kaxxiera fl-HSBC. Hi kienet taf lill-P. Mairangas il-bank ghax gieli qdietu u taf li kellu hanut il-Belt. Kien staqsiha jekk il-kontijiet tat-tfal kienux ghadhom hemm. Hu wriha li kien jaf bihom u staqsa hekk biex jaghmlilhom *deposit* pero` ma tafx jekk kienx ghamel xi *deposits* qabel. Hu semma' xi bilanc izda ma kienitx mistoqsija diretta lilha, qisu kien qed igedwed xi haga wahdu. Biex hi tkun taf jekk il-kontijiet kienux ghadhom hemm kellha tidhol fuq l-isem Mairangas N fil-*computer*. Pantelis Mairangas ma staqsiex ghall-bilanci u qatt ma semma' lil Hardy. Ix-xhud ikkonfermat l-*istatement* li tat lill-pulizija li qieghed fil-process 417/04 a fol. 38. F'dan l-*istatement* ix-xhud hija aktar car u tghid li darba wara li P Mairangas ghamel xi *transactions* tal-kumpanija tieghu staqsiha jekk il-kontijiet tat-tfal li kienu f'isem Nicole kienux ghadhom hemm u hi kkonfermatlu li hemm kienu ghadhom. Hu imbaghad qal illi kien hemm xi bilanc ta' xi Lm200 u qaltlu iva. Hu kien izjed qisu kien qed jitkellem wahdu milli jaghmel mistoqsija lilha. Qatt ma wrietu l-*monitor* jara l-andament tal-kontijiet. Ma' staqsiex dwar entrati u hi ma tatu ebda informazzjoni dwar dan. Dwar il-kont ta' Mrs Hardy, Mairangas qatt ma staqsiha u hi qatt ma kienet semghet dwaru u qatt ma dahlet f'dan l-kont. Biex tara t-transazzjonijiet ta' kull kont trid tidhol go kull wiehed minnhom u dan hi m'ghamlitux. Ix-xhud tati din l-informazzjoni lil Mariangas ghax hu taha x'tifhem li ried jiddepozita xi flus fil-kont tan-neputijiet tieghu. Qatt ma hasbet li Mairangas kellu xi intenzjoni hazina.

"**Captain Pantelis Mairangas** xehed li meta mar il-bank u wara li lesta mit-transazzjonijiet tan-negozju tieghu staqsa lill-kaxxiera jekk il-kontijiet tat-tfal tat-tifel kienux ghadhom miftuhin u din qaltu li kienu. Hu qatt ma staqsa dwar il-kont ta' Mrs Hardy. Min fejn kien qieghed hu ma setax jara li *screen* tal-computer li fuqu kienet qeghda tahdem il-kaxxiera. Fl-istatement tieghu a fol. 66 hemm ikkonfermat dak li xehed fil-Qorti. Meta gie kontroezaminat hu wiegeb li qabel dan l-incident hu ma kienx ghamel depoziti fil-kont tat-tfal.

"**Constantino Mairangas** xehed li huwa r-ragel ta' Nicole Mairangas. Cahad illi qatt inghata informazzjoni mill-bank. Hu kellu argument ma' martu dwar manteniment u qalilha illi hi kellha flus ghax huma jikru l-post li ghandhom lill-istudenti. Hu qalilha li jekk ma kellhiex flus dan kien ghax ghamlithom fil-kont ta' ommha. Meta qalilha hekk din staqsietu kif kien jaf izda hu ma tahiex risposta. Hu jghid li kien jaf x'kien hemm flus fil-kontijiet tat-tfal qabel ma missieru mar il-bank u kien tah il-figura approssimattiva lil missieru. Hu ma kienx jaf li l-mara hadet il-flus mill-kont tat-tfal. Hi kienet qaltlu hekk. Hu ma kienx baghat lill missieru biex jiccekkja dwar il-kontijiet tat-tfal. Li kien jaf dwarhom kien dak li qalulu t-tfal. Hu kien jaghmel *deposits* fil-kontijiet tat-tfal xi ftit xhur qabel. Hu ma kienx qal lil martu li ommha kellha kont b'hafna flus. Hu kien jaf li ommha kellha l-proprjeta` barra minn Malta.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"L-attrici qieghda tallega f'dina l-kawza li l-bank konvenut kiser l-obbligu ta' kunfidenzjalita` dovut lejha meta kaxxiera impjegata mal-bank svelat lill-missier ir-ragel taghha l-esistenza ta' kontijiet bankarji u tat bilanc taghhom.

"Il-bank jaqbel li kull ma ghamlet il-kaxxiera f'dan il-kaz kien li meta n-nannu tat-tfal ta' l-attrici, Pantelis Mairangas, li kien klijent regolari tal-bank konvenut, kien spicca minn *transaction* bankarja tieghu, staqsa lill-istess kaxxiera li qdietu, jekk il-kontijiet tan-neputijiet kienux

ghadhom miftuhin – il-kaxxiera tghid li deherilha li n-nannu ried jaghmel xi deposit fihom – u hi kkonfermatlu li kienu ghadhom miftuhin.

"Karen Degiorgio spjegat ghaliex kienet ghamlet hekk. Hi qalet li lill-Pantelis Mairangas kienet tatu din l-informazzjoni ghax hu taha x'tifhem li ried jiddepozita xi flus fil-kont tan-neputijiet tieghu. Qatt ma hasbet li Mairangas kellu xi intenzjoni hazina.

"L-attrici pero` tghid li l-kaxxiera marret oltre minn dana u mhux biss ikkonfermat li l-kontijiet kienu ghadhom miftuhin, imma li anke kkonfermat lill-Pantelis Mairangas il-bilanc li kellhom dawn il-kontijiet.

"Fil-fatt mix-xhieda ta' Karen Degiorgio li tat fil-Qorti imma aktar u aktar fl-istatement li rrilaxxjat lill-Pulizija, jidher li Degiorgio marret oltre mis-semplici informazzjoni dwar l-esistenza tal-kont. Degiorgio tghid fl-istatement (ara citaz 417/04 a fol 38) li darba wara li Pantelis Mairangas ghamel xi *transactions* tal-kumpanija tieghu staqsiha jekk il-kontijiet tat-tfal li kienu f'isem Nicole kienux ghadhom hemm u hi kkonfermatlu li hemm kienu ghadhom. Hu imbaghad qal illi kien hemm xi bilanc ta' xi Lm200 u qaltlu iva. Hu semma' xi bilanc izda ma kienitx mistoqsija diretta lilha, qisu kien qed igedwed xi haga wahdu. Biex hi setghet tkun taf jekk il-kontijiet kienux ghadhom hemm kellha tidhol fuq il-kont ta' Mairangas N fil-computer. Hi pero` ma writx l-entrati fil-kontijiet u l-andament taghhom lill-Mairangas.

"L-attrici ppremetiet fic-citazzjoni taghha li dan l-agir tal-konvenuti jikser il-provvedimenti tal-Kap.371 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Kummerc Bankarju, tal-Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-Segretezza Professjonali, oltre l-Art. 257 tal-Kodici Kriminali u b'hekk l-attrici sofriet danni.

"Dina l-Qorti ma tistax issib lill-bank konvenut hati ta' xi reat taht il-Kodici Kriminali billi mhux fil-gurisdizzjoni taghha. *"l-isfera ta' attivita` ordinarja tal-Qrati Civili u ghalhekk il-gurisdizzjoni ordinarji taghhom hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u illi dawk ma*

*ghandhomx u ma jistghux jintromettu ruhhom fl-isfera ta' attivita` ta' dawn, hlief jekk u fejn talvolta espressament u specifikament awtorizzati minn xi ligi specjali biex jezercitaw xi funzjonijiet partikolari attribwiti lilhom u bil-proceduri hemm ammessi" (Giuffrida vs De Gray 11/2/1967 Prim Awla) .*

"L-istess ghandu jinghad ghall-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Att 377 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi dan l-att mhu xejn hlief jikkwalifika dak li jghid Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Att ghandu jinqara bhala supplement ta' dan l-artikolu minhabba l-fatt illi l-funzjoni tieghu hija principalment dik li jaghti tifsira ulterjuri tar-reat ta' ksur tas-segretezza professjonali. Dan l-att jghid ukoll illi ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti ghal reat taht l-Art. 257 tal-Kodici Kriminali minghajr l-awtorizazzjoni ta' l-Avukat Generali.

"Illi fit-trattazzjoni d-difensur ta' l-attrici rrefera ghall-Artikolu 34(2) tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Kummerc Bankarju. Dan jipprovvdi li:

*""No person, including past and present officers or agents of a bank, shall disclose any information relating to the affairs of a bank or of a customer of a bank which he has acquired in the performance of his duties or the exercise of his functions under this Act except - (a) when authorized to do so under any of the provisions of this Act; (b) for the purpose of the performance of his duties or the exercise of his functions; (c) when lawfully required to do so by any court or under a provision of any law.*

"Ghalhekk il-principju tal-kunfidenzjalita` bankarja johrog mil-ligi. Imma hu stabbilit ukoll illi l-bank fil-fatt ghandu dan l-obbligu li jemani minn kuntratt li jsehh meta jinholoq il-kont bankarju. Fil-kawza bl-ismijiet Joachimson v. Swiss Bank Corpn (1921) u fil-kawza Tournier v. National Provincial and Union Bank of England (1924), il-Qrati kellhom jikkunsidraw jekk il-bank kellux l-obbligu li ma jikxifx dettalji dwar kontijiet personali tal-klijenti tieghu. Iz-zewg decizjonijiet rritenew illi meta depozitarju jiftah kont fil-bank jinholoq kuntratt bejnu u bejn il-bank. " *it may be*

*asserted with confidence that the duty is a legal one arising out of contract." u " it is an implied term of a banker's contract with his customer that the banker shall not disclose the account, or transactions relating thereto, of his customer except in certain circumstances"*[1] *u "The case of the banker and his customer appears to me to be one in which the confidential relationship between the parties is very marked"*[2].

"Fil-kaz in ezami gie stabbilit illi Pantelis Mairangas staqsa lill-kaxxiera Karen Degiorgio jekk il-kontijiet tan-neputijiet tieghu, li kienu fuq isem ommhom, kienux ghadhom miftuhin, u dina kkonfermatlu li hekk kienu. Fl-istqarrija taghha quddiem il-Pulizija il-kaxxiera Karen DeGiorgio stqarret illi qaltlu li dawn il-kontijiet kienu ghadhom miftuhin ghax fehmet illi Pantelis Mairangas kien jaf bl-ezistenza ta' dawn il-kontijiet u fehmet illi hu ried jaghmel xi depozitu. Jirrizulta pero` dan qatt ma kien ghamel depoziti qabel dakinhar u lanqas dakinhar.

"Il-Qorti hi tal-fehma li anke meta l-kaxxiera Karen DeGiorgio kkonfermat lill-Pantelis Mairangas li l-kontijiet tan-neputijiet tieghu f'isem ommhom kienu ghadhom miftuhin, dan kien jikkostitwixxix ksur ta' l-obbligu ta' kunfidenzjalita` illi istituzzjoni bhal bank hija fid-dover illi tosserva. Fid-decizjoni tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 1903 fl-ismijiet **Zammit v. Casolani**, il-Qorti rriteniet illi persuna ma tistax tirrikjedi lill-bank illi jaghti informazzjoni fuq l-**ezistenza o meno ta' kontijiet mizmuma f'isem persuni ohrajn**.[3] Sakemm dak illi jkun qed jirrikjedi din l-informazzjoni ma jurix illi ghandu <u>interess legali</u> ghal din l-informazzjoni, <u>rikjesta bhal din</u> tikkostitwixxi attentat ta' ksur tas-sigriet bankarju "**anche il voler sapere senza un interesse legale certo e provato se un 'quidam' abbia denari al Banco e' un tentare di ottenere la violazione del secreto prescritto".**

"Fil-kaz odjern dan l-attentat sar meta Pantelis Mairangas staqsa dwar jekk il-kontijiet kienux ghadhom miftuhin u l-

---

[1] Bankes LJ (Tournier v. NPU Bank of England (1924) (Appeal)
[2] Scrutton LJ (Tournier v. NPU Bank of England (1924) (Appeal)
[3] Vol 18 p2 p 306

vjolazzjoni ta' dan l-obbligu sar meta l-kaxxiera, biex taghtih din l-informazzjoni, dahlet fil-kont ta' terza persuna, u cioe' Nicole Mairangas u ccekkjat jekk tahtha kienx hemm dawk il-kontijiet.

"Pantelis Mairangas ma kellux verament ghalfejn jistaqsi jekk il-kontijiet ta-neputijiet kienux ghadhom miftuhin, ghax skond ix-xhieda tieghu, hu kien jaf li kien hemm xi bilanc ta' xi Lm 200, li jfisser li l-kontijiet kienu miftuhin. Inoltre jirrizulta wkoll li qabel dika l-okkazzjoni hu qatt ma kien ghamel xi deposits fil-kont tan-neputijiet.

"Dan wahdu ghalhekk ghall-Qorti jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligu ta' kunfidenzjalita`.

"Izda kif gja` gie stabbilit il-kaxxiera marret oltre minn dana billi hija kienet ikkonfermat ukoll ma Mairangas il-bilanc li dan kien qed jghid li kien hemm fil-kont (ara statement taghha fuq riferit).

"Ghaldaqstant, meta l-kaxxiera tat l-informazzjoni dwar l-ezistenza ta' kont bankarju tat-tfal u kkonfermat il-bilanc, din kisret l-obbligu ta' kunfidenzjalita` dovut lill-klijenta taghhom.

"**DANNI**

"L-attrici ssottomettiet li jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur ta' l-obbligu tal-bank, il-Qorti ghandha, arbitrio boni viri, takkordalha d-danni li sofriet. Il-konvenuti jirritjenu li l-attrici trid tipprova li soffriet xi danni rizultanti mill-agir tal-bank u li dawn id-danni jridu jkunu reali u mhux morali u li fil-fatt ikunu gew sofferti mill-attrici.

"Illi l-attrici pproponiet dina l-azzjoni kontra l-bank konvenut ghax ippremettiet li hija sofriet danni minhabba l-agir inkorrett tal-bank. Ghalkemm instab li l-bank kiser il-konfidenzjalita`, effettivament l-attrici ma gabet ebda prova f'hiex kienu jikkonsistu dawn id-danni. Il-Qorti ghalhekk mhiex f'posizzjoni li tillikwida, lanqas arbitrio boni viri, dawn id-danni, billi ma giex indikat f'hiex kienu jikkonsistu d-danni sofferti mill-attrici."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' it-tieni u t-tielet talba ta' l-appellanti u tikkundanna lill-appellati jhallsu dik is-somma in linea ta' danni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li tikkundannaha thallas [recte: tikkundannahom ihallsu], kif ukoll tikkundanna lill-appellati jhallsu l-ispejjez kollha ta' l-ewwel istanza u dawk ta' din l-istanza."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-bank konvenut li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell ta' l-attrici jigi michud, u li din il-Qorti joghgobha:
"1. tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-28 ta' Jannar 2005, fl-ismijiet premessi, billi thassar dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` esponenti, allura konvenuta, u minflok tilqa' l-istess tieni eccezzjoni u t-tielet eccezzjoni, u tiddikjara li l-attrici Nicole Mairangas personalment m'hix il-persuna legittima biex tistitwixxi din il-kawza u konsegwentement tillibera lis-socjeta` esponenti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici, u thalli l-istess sentenza shiha ghall-kumplament; u in difett

"2. tirriforma s-sentenza fuq indikata tal-31 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet premessi, billi thassar dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u attribwiet tliet kwarti ta' l-ispejjez lill-Bank esponent, u minflok tiddikjara li fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti ma kienx hemm ksur ta' sigriet bankarju u/jew ksur ta' kunfidenzjalita` da parti tas-socjeta` esponenti, u ghalhekk tichad l-istess talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici, u tikkonferma l-istess sentenza ghall-kumplament."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attrici qed tallega li ufficjal tal-bank konvenut zvela l-kontenut tal-kont bankarju taghha (jew ahjar, tal-kontijiet bankarji li kellha f'isimha ta' uliedha minuri) lil terzi, senjatament lill-missier ir-ragel taghha li minnu tinsab separata *de facto*. Jirrizulta, fil-fatt mill-provi li meta n-nannu tat-tfal ta' l-attrici, Pantelis Mariangas, mar f'*branch* tal-bank konvenut u spicca n-negozju li kien qed jaghmel, staqsa lill-istess kaxxiera li qdietu jekk il-kontijiet tan-neputijiet kenux ghadhom miftuha. Peress li l-kaxxiera hasbet li hu ried jiddepozita flus fil-kontijiet taghhom, ikkonfermatlu li kienu ghadhom miftuha; jidher ukoll li l-istess kaxxiera tat indikazzjoni lis-Sur Mairangas tal-bilanc li kien hemm fil-kontijiet.

L-ewwel Qorti sabet li dan l-agir jikser il-principju tal-kunfidenzjalita` bankarja li johrog mill-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta), u mill-kuntratt innifsu li jinholoq bil-holqien ta' kont bankarju. L-ewwel Qorti, pero`, ma llikwidatx danni favur l-attrici peress li ma giex ippruvat li l-attrici effettivament sofriet danni.

Minn din is-sentenza ressqet appell l-attrici u appell incidentali l-bank konvenut. L-attrici osservat li, filwaqt li taqbel mas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn din sabet ksur ta' kunfidenzjalita` bankarja, sahqet li kellu jigi likwidat danni favur taghha *arbitrio boni viri*. Il-bank konvenut ilmenta (i) kontra d-decizjoni tat-28 ta' Jannar 2005, li cahdet it-tieni eccezzjoni teighu; (ii) kontra l-fatt li t-tielet eccezzjoni tieghu baqghet mhux deciza; u (iii) kontra d-decizjoni finali tal-Qorti li sabet ksur ta' kunfidenzjalita` bankarja, peress li skond hu ma giex ippruvat nuqqas da parti tal-bank innifsu, ghad-differenza ta' impjegat, u lanqas ma gie kkunsidrat li n-nannu patern tal-minuri ma kienx qed jagixxi, f'dak il-mument, bhala terz izda fl-istess interess li kellu missier it-tfal.

Il-Qorti sejra, fl-ewwel lok, titratta l-aggravji mressqa fl-appell incidentali tal-konvenut, li jistghu, jekk jigu milqugha, jolqtu l-azzjoni attrici indipendentement mill-meritu taghha.

Bit-tieni eccezzjoni l-bank konvenut eccepixxa li l-azzjoni ma kienitx tispetta lill-attrici, izda lill-"*ultimate beneficiary*" tal-kontijiet in kwistjoni. Il-flus fil-kontijiet in kwistjoni setghu kienu tal-minuri izda l-kontijiet infushom kienu intestati f'isem l-attrici li allura kienet il-"*customer*" tal-bank. Kif jinghad fil-ktieb "*Law of Banking*" ta' **Lord Chorley** (Sweet & Maxwell, 6th Edit.), pagna 31, ir-relazzjoni tal-bank hija mal-"*customer*", li hi persuna "*who has an account with a banker*". Issa, f'dan il-kaz, il-kontijiet huma kollha f'isem l-attrici, bid-denominazzjoni "*account* (isem it-tfal)". Dan ifisser li l-"*account holder*" hi l-attrici, ghalkemm <u>ghar-ragunijiet taghha</u>, hi tat titolu differenti lil kull kont. Ir-relazzjoni tal-bank hi biss mal-persuna li fuqha hu registrat il-kont (ara **Canciobella v. Galea noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Gunju 1920), u mhux ta' interess ghall-bank li kont partikolari jigi kkwalifikat ghal xi uzu partikolari. L-attrici, fil-fatt, kienet tiddepozita u tohrog flus mill-kontijiet minghajr indhil ta' hadd, peress li hi kienet l-"*account holder*" f'ghajnejn il-bank. Hekk kif avukat li jiftah kont f'ismu u jiddeskrivih bhala "clients' account", ikollu l-kontroll assolut tal-kont u jitqies bhala l-"*customer*" u l-beneficcjarju tieghu (salv ir-relazzjoni interna ta' bejnu u l-klijenti tieghu), hekk ukoll, f'dan il-kaz, hija l-attrici personalment li, vis-à-vis il-bank konvenut, ghandha titolu fuq l-istess kont.

Ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-bank konvenut - dwar il-htiega li kawza bhal din issir miz-zewg genituri - hu veru li din ma gietx deciza mill-ewwel Qorti, pero`, is-soluzzjoni taghha hi semplici u tinsab fl-Artikolu 1322(4) tal-Kodici Civili, li jghid li "kull flus depozitati f'bank ghall-kreditu ta' persuna mizzewga jistghu jkunu rtirati biss minn dik il-persuna minghajr ma l-bank joqghod jara jekk dawk il-flus humiex tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew le". Ladarba l-kontijiet f'dan il-kaz huma f'isem l-attrici, minkejja li hi fethet il-kont fl-interess ta' uliedha, hi biss tista' tirtira dawk id-depoziti, u kwindi hi wahedha ghandha interess tissalvagwardja l-kunfidenzjalita` marbuta ma' dawk il-kontijiet.

Ir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi Mairangas u ta' dawn mat-tfal mhux ta' interess ghall-bank, li la ghandu jindahal f'dik

ir-relazzjoni u lanqas jesigi xi provi fuq l-istess. Ir-relazzjoni tal-bank hi biss mal-"*account holder*" u diment li dan ikun ghadu haj, l-ordnijiet ghandu jehodhom minghand dan l-individwu biss (jew il-prokuratur tieghu) u m'ghandux jinvolvi ruhu f'relazzjonijiet mhux naxxenti mill-kont.

Dwar it-tielet ilment tal-bank konvenut, il-Qorti tinnota li skond il-gurisprudenza taghna, in-natura ta' kont bankarju hu wiehed ta' self - ara **Schembri noe v. Galea noe**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 1919, u **Parthenis v. Warner noe**, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar, 1932. L-istess hija l-idea fl-Ingilterra tant li fil-ktieb fuq indikat ta' **Lord Chorley**, jinghad a pagna 24, illi,
*"The legal basis on which a full and necessary control of the depositor's money could best be obtained was that of debtor and creditor, viz to regard the banker as himself having borrowed the money from the depositor, his customer."*

Ghalkemm din ir-relazzjoni ta' debitur u kreditur hija principju basilari tad-depositu bankarju, minhabba n-natura tar-relazzjoni, jezistu dak li l-awtur fuq imsemmi jindika bhala "*superadded obligations*", li huma wkoll ta' natura kontrattwali. Wiehed minn dawn l-obbligazzjonijiet huwa dak ta' kunfidenzjalita`. Fil-ktieb imsemmi ta' **Lord Chorley**, f'pagna 20, il-principju gie hekk spjegat:
*"Although it would not appear to arise from agency, but to be implicit in the banker-customer relationship, the duty of the banker to treat his customer's affairs as striclty confidential is similar to the duty of good faith which an agent owes to his principal: the confidential character of the banker-customer relationship has been underlined in a number of cases, particularly in Tournier v. National Provincial Bank where it was held that the banker is under "a contractual duty of secrecy implied in the relation of banker and customer ..... the confidential relationship between the parties is very marked" in respect at any rate of "all transactions that go through the account, and to the securities, if any, given in respect of the account.""*

L-obbligu ta' kunfidenzjalita`, allura, ma johrogx biss mil-ligi, senjatament l-Artikolu 34(2) ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju (kwotat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha), izda mill-kuntratt bankarju li jinholoq mid-depositu tal-klijent. Dan il-kuntratt ma jsehhx bejn il-klijent u l-impjegati tal-bank, izda mal-bank innfisu, u allura l-bank, bhala l-parti kontraenti, iwiegeb ghan-nuqqasijiet ta' l-impjegati tieghu. Jekk parti fuq kuntratt, jagixxi bi ksur ta' xi obbligazzjoni naxxenti mill-kuntratt, ir-responsabbilita` legali hi ta' dik il-parti, li ma jistax jehles mir-responsabbilita` billi jitfa' t-tort fuq l-impjegati tieghu. Ghan-negligenza jew traskuragni ta' l-impjegati ta' kontraent, iwiegeb ghad-danni rizultanti l-istess kontraent.

F'dan il-kaz, kif osservat l-ewwel Qorti bl-ghajnuna ta' gurisprudenza anterjuri, il-fatt li l-bank jaghti informazzjoni lil terzi dwar l-ezistenza o meno ta' kontijiet mizmuma f'isem persuni ohra, jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligu ta' kunfidenzjalita` illi l-bank huwa fid-dover li josserva.

Il-fatt li l-informazzjoni nghatat lin-nannu patern ta' ulied l-attrici, xorta wahda jwassal ghall-ksur ta' dan l-obbligu, anke jekk jista' jitqies li n-nannu kien qed jagixxi fl-interess ta' missier it-tfal. Kif intwera l-unika persuna b'interess legali fil-kontijiet hija l-attrici, u n-nannu ma kienx qed jagixxi fl-interess jew bhala prokuratur taghha. Hu kwindi, ghandu jitqies bhala terz in relazzjoni mal-kontijiet bankarji in kwistjoni, u l-informazzjoni li nghatat lilu ghandha, ghalhekk, titqies bhala ksib ta' informazzjoni kunfidenzjali kontra l-ligi.

L-aggravji tal-bank konvenut kontenuti fl-appell incidentali tieghu ma jistghux, ghalhekk, jigu milqugha.

Trattat, issa, l-appell principali ta' l-attrici, din tissottometti li meta huwa impossibbli li jigu kwantifikati danni, dawn jistghu u ghandhom jigu likwidati *ex aequo et bono* mill-Qorti. Din il-Qorti tirrileva li filwaqt li hu minnu li hemm gurisprudenza fis-sens li meta jkun difficli li jigu likwidati d-danni, il-Qorti tista' tipprocedi ghall-valutazzjoni '*ex aequo et bono*' (ara per ezempju, il-kawza **Camilleri v. The Cargo Handling Co. Ltd**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti

Civili fit-13 ta' Ottubru, 2004) irid pero`, dejjem jigi muri li, fil-fatt, gew sofferti danni. Skond il-ligi, id-danni jridu jkunu reali u "l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni" (Artikolu 1137 tal-Kodici Civili). Fi kliem iehor, qabel ma l-Qorti tghaddi biex tillikwida d-dani, anke *ex aequo et bono*, irid jirrizulta effettivament li kien hemm danni, ghax altrimenti l-Qorti tkun qed takkorda danni morali. Fil-fatt, kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza appenna citata, il-poter diskrezzjonali tal-Qorti li tillikwida d-danni *ex aequo et bono*, ma jfissirx li min jallega hsara m'ghandux juri telf. Il-Qorti qalet hekk in rigward:
*"Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur."*

F'dan il-kaz, l-attrici ma tat ebda indikazzjoni ta' x'danni setghet sofriet bin-nuqqas tal-bank konvenut.

Anke kieku r-responsabbilita` tal-bank konvenut kellha tigi kklassifikata taht quasi-delitt, xorta wahda l-vittma jkun irid jipprova telf finanzarju. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Butler v. Heard**, deciza fit-22 ta' Dicembru 1967,
*"S'issa l-ligi taghna - kif gia` gie rilevat fis-sentenza appellata - tipprovdi ghal kumpens ghat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri ghal-ligijiet ta' pajjizi ohra progressivi li jipprovdu anke ghal kumpens - xi darbi l-uniku possibbli, ghat-telf personali li jinkludu ...... loss of the pleasures of life; actual shortening of life, and at least in some cases, mere discomfort and inconvenience."*

Minn dak iz-zmien sal-lum, is-sitwazzjoni legali ma tbiddlitx, u kwindi taht kull aspett, fin-nuqqas ta' prova ta' telf reali, il-Qorti ma tistax tghaddi ghal-likwidazzjoni u ordni ta' hlas ta' danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali ta' l-attrici billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tal-bank konvenut billi wkoll tichad l-istess, u tikkonferma *in toto* z-zewg sentenzi appellati ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanzi jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' l-appell principali jithallsu mill-attrici, u dawk ta' l-appell incidentali mill-bank konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------